# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 23**

**Rikors Numru : 612/2015 JPG**

**Raymond Cassar**

**vs**

**Montekristo Vineyards Limited**

**(C-32424)**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors ta' Raymond Cassar tal-24 ta' Lulju 2015 li jaqra hekk:

1) *Illi huwa kien impjegat tas-socjeta' intimata b'kuntratt tal-1 ta' Settembru 2008 bhala Sales Manager.*

2) *Illi fit-30 ta' Settembru 2014 tali impjieg gie tterminat peress illi konsegwenza ta' transfer of undertaking, l-impjieg tieghu ghaddha ghand il-kumpanija 'Montekristo Direct Ltd' b'effett mill-1 t'Ottubru 2014, u dan bl-istess kuntratt ta' mpjieg u bl-istess kundizzjonijiet tax-xoghol.*

3) *Illi ai termini tal-klawsola 5.1.3 tal-istess kuntratt ta' impjieg, ir-rikorrent huwa ntitolat ghal commissions on sales,*

4) *Illi sa' l-ahhar ta' Settembru 2014 kienu akkumulaw f'commissions on sales dovuti lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba'u tletin centezmu (€12,384.34), u dan wera illi kien sar l-ahhar hlas akkont fl-ammont ta'erba'mitt Ewro (€400) f'Mejju 2014.*

5) *Illi mat-tmiem ta' l-impjieg mas-socjeta' intimata dan il-hlas baqa' ma sarx, kif lanqas ma'sar wara ittra interpellatorja tas-7 t'April 2015 u ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 2015 (1691/2015).*

6) *Illi minkejja diversi promessi verbali, tali hlas baqa' ma sarx.*

7) *Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikoli 167-171 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, inkluz illi s-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.*

***Ghaldaqstant**, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :*

a) *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba, bid-dispensa ghas-smiegh tal kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

b) *Tiddikjara illi r-rikorrent ghandu jithallas mis-socjeta'intimata s-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34), bilanc minn somma akbar u rapprezentanti commissions on sales lilu dovuti ai termini tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu.*

c) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34) ghar-ragunjiet hemm fuq indikati.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, liema socjeta' intimata hija minn issa ngunta ghas- subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 2015 (a fol. 16);

Rat ir-risposta ta' Monte Kristo Vineyards Limited (C 32424) tat-30 ta' Lulju 2015 (a fol. 25 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament ir-rikors promutur u l-azzjoni attrici huma nulli u bla effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbbli Qorti hija inkompetenti ratione materie, stante li kif espost fil-premessi attrici, din il-kawza hija bbazata fuq allegat ksur ta' kundizzjoni ta' mpjieg u ghalhekk il-kaz huwa wiehed li jaqa taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, kif jipprovdi l-Kap 452 tal-Ligijiet ta'Malta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jirizulta ex admissis mill-premessi tar-rikorrenti, s-socjeta esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti izda se mai l-azzjoni attrici kella tigi diretta fil-konfront tas-socjeta Montekristo Direct Limited in vista ta' Transfer of Undertaking li sehh nhar 1-1 ta' Ottubru 2014.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta esponenti qatt ma qablet li thallas commissions li-rikorrent u lanqas qatt hallset lir-rikorrent xi commissions b'rabta ma l-impjieg tieghu u f'kaz li jirrizulta li r-rikorrent ha xi flejjes oltre l-paga tieghu minghajr il-kunsens tas-socjeta esponenti, is-socjeta esponenti minn issa tirriserva li tiehu l-azzjonijiet kollha spettanti lilha fil-ligi sabiex tirkupra tali flejjes.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta esponenti ma hijiex debitrici tar-rikorrent u jispetta lir-rikorrent igib prova tal-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Monte Kristo Vineyards Limited (C 32424) tat-30 ta' Lulju 2015 (a fol. 27et seq);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tikkoncerna talba ghal hlas ta' *commission* illi r-rikorrent jallega li baqu' ma thallsux lilu, u dan wara illi s-socjeta ntimata kienet obbligat ruhha fil-kuntratt ta' impieg tieghu illi thallsu "[c]o*mmissions on sales...once money is received from the sales*" ad eskluzjoni tal-ewwel sitt elef Ewro illi jaghmel ir-rikorrent, li ma jkunux elegibbli ghal hlas ta' *commission*.[1] Gara illi r-rikorrenti, li kien impjegat mas-socjeta ntimata, kellu l-impieg tieghu trasferit ghal mas-socjeta Montecristo Direct Limited in vista ta' *Transfer of Undertaking* li sehh fl-1 ta' Ottubru 2014, izda, skont hu, s-socjeta ntimata baqghat ma hallsitux il-*commission* li kellha thallsu qabel ma gie trasferit.

Is-socjeta ntimata minn naha taghha eccepiet preliminarjament illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija nulla peress illi din il-Qorti hija nkompetenti ratione materiae ghaliex il-kawza hija bbazata fuq ksur tal-kondizzjonijiet tal-impieg u ghalhekk il-kaz jaqa' taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Ir-rikorrent jirribatti ghal din l-eccezzjoni billi jargumenta illi l-azzjoni de quo tikkonsisti f'*money claim* minhabba ksur ta' termini kuntrattwali pattwiti bejn il-partijiet.

L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 jiddefinixxi t-terminu "kondizzjonijiet tal-impieg" b'dan il-mod:

> *""kondizzjonijiet tal-impieg" tfisser pagi, il-perjodu tal-impieg, is-siegħat tax-xogħol u l-leave* ***u tinkludi kull kondizzjoni li għandha x'taqsam mal-impieg ta' xi impjegat taħt kuntratt ta' servizz*** *inklużi l-benefiċċji li joħorġu minnu, it-termini tal-impieg, it-termini ta' parteċipazzjoni fix-xogħol il-ftehim dwar il-mod kif jiġi terminat xi impieg u l-metodu ta' kif differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-partijiet fil-ftehim jistgħu jintemmu;*

[1] Klawsola 5.1.3 tal-kuntratt ta' impieg datat 1 ta' Settembru 2008 a fol 19.

> *iżda ma tinkludix etika professjonali li toħroġ mir-relazzjoni professjonali bejn prinċipal u impjegat."*

Minn qari ta' din id-definizzjoni l-Qorti tifhem illi dak li jikkostitwixxi kondizzjonijiet tal-impieg ta' impjegat taht kuntratt t'impieg ghandu jinghata interpretazzjoni aktar restrittiva minn dak li jikkostitwixxi kondizzjonijiet tal-impieg ta' persuna taht kuntratt ta' servizz. Ghalhekk il-Qorti taghraf illi fil-kaz ta' impjegat ta' kuntratt ta' impieg dawk l-affarijiet li jaqaw taht kondizzjonijiet ta' impieg huwa l-paga, il-perjodu tal-impieg, is-sieghat tax-xoghol u l-*leave* biss.

F'dan il-kaz ma jidhirx ikkontestat illi r-relazzjoni guridika tal-kontendenti hija bbazata fuq kuntratt ta' impieg u mhux kuntratt ta' servizzi, tant illi s-socjeta ntimata stess tirreferi ghal kuntratt konkluz bejna u bejn ir-rikorrent bhala 'kuntratt ta' impieg'. Konsegwentement, huma biss il-paga, il-perjodu tal-impieg, is-sieghat tax-xoghol u l-*leave* li ghandhom jigu kkonsidrata bhala kondizzjonijiet tal-impieg fil-kaz odjern.

Imbaghad, paga tigi definita fl-istess Artikolu b'dan il-mod:

> *""paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni'"*

Il-kaz in ezami  jikkoncerna l-hlas ta' *commission* pattwita lir-rikorrenti mis-socjeta ntimata. Din il-*commission* tkun pagabbli fil-kaz illi r-rikorrenti jekk ikun ghamel bejgh ghal valur ta' mill-inqas sitt elef ewro f'dak ix-xhur, u tigi ikkalkolata fuq l-ammont verjuri ghal dawk l-ewwel sitt elef Ewro. Ir-rikorrenti wkoll m'huwiex eligibbli ghal hlas ta' *commission* fil-kaz illi l-bejgh li jaghmel ikun lil klijenti li fihom Polidano Group ghandu interess jew klijenti ohra magguri li huwa klijenti diretti.

Il-Qorti tqis illi huwa car illi l-hlas ta' *commission* huwa direttament relatat mal-esekuzzjoni tax-xoghol tar-rikorrenti. Filfatt, fil-kaz illi r-rikorrent ma jilhaqx certu kwota ta' bejgh, lanqas biss ikun intitolat ghal hlas ta' *commission* fuq il-bejgh li jaghmel.

Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma illi il-hlas ta' *commission* ma jaqax entro l-parametri ta' kondizzjonijiet tal-impieg f'kaz ta' persun li tkun impjegata taht kuntratt ta' impieg, u talba ghal hlas ta' *commission* mhux imhallsa ghalhekk ghandha tigi meqjsua bhala *money claim* bbazata fuq ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, u mhux bhala azzjoni bbazata fuq il-kondizzjonijiet tal-impieg. Ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti taqa' taht il-kompetenza ta' din il-Qorti u mhux tat-Tribunal Industrijali.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata u tiddikjara li din il-Qorti hija kompetenti *ratione materiae* sabiex tiddisponi minn dan il-kaz.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Numru : 612/2015 JPG**

**Raymond Cassar**

**vs**

**Montekristo Vineyards Limited**
**(C-32424)**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors ta' Raymond Cassar tal-24 ta' Lulju 2015 li jaqra hekk:

1) *Illi huwa kien impjegat tas-socjeta' intimata b'kuntratt tal-1 ta' Settembru 2008 bhala Sales Manager.*

2) *Illi fit-30 ta' Settembru 2014 tali impjieg gie tterminat peress illi konsegwenza ta' transfer of undertaking, l-impjieg tieghu ghaddha ghand il-kumpanija 'Montekristo Direct Ltd' b'effett mill-1 t'Ottubru 2014, u dan bl-istess kuntratt ta' mpjieg u bl-istess kundizzjonijiet tax-xoghol.*

3) *Illi ai termini tal-klawsola 5.1.3 tal-istess kuntratt ta' impjieg, ir-rikorrent huwa ntitolat ghal commissions on sales,*

4) *Illi sa' l-ahhar ta' Settembru 2014 kienu akkumulaw f'commissions on sales dovuti lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba'u tletin centezmu (€12,384.34), u dan wera illi kien sar l-ahhar hlas akkont fl-ammont ta'erba'mitt Ewro (€400) f'Mejju 2014.*

5) *Illi mat-tmiem ta' l-impjieg mas-socjeta' intimata dan il-hlas baqa' ma sarx, kif lanqas ma'sar wara ittra interpellatorja tas-7 t'April 2015 u ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 2015 (1691/2015).*

6) *Illi minkejja diversi promessi verbali, tali hlas baqa' ma sarx.*

7) *Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikoli 167-171 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, inkluz illi s-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.*

***Ghaldaqstant**, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :*

a) *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba, bid-dispensa ghas-smiegh tal kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

b) *Tiddikjara illi r-rikorrent ghandu jithallas mis-socjeta'intimata s-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34), bilanc minn somma akbar u rapprezentanti commissions on sales lilu dovuti ai termini tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu.*

c) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u erba' u tmenien Ewro u erba' u tletin centezmu (€12,384.34) ghar-ragunjiet hemm fuq indikati.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, liema socjeta' intimata hija minn issa ngunta ghas- subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 2015 (a fol. 16);

Rat ir-risposta ta' Monte Kristo Vineyards Limited (C 32424) tat-30 ta' Lulju 2015 (a fol. 25 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament ir-rikors promutur u l-azzjoni attrici huma nulli u bla effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbbli Qorti hija inkompetenti ratione materie, stante li kif espost fil-premessi attrici, din il-kawza hija bbazata fuq allegat ksur ta' kundizzjoni ta' mpjieg u ghalhekk il-kaz huwa wiehed li jaqa taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, kif jipprovdi l-Kap 452 tal-Ligijiet ta'Malta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jirizulta ex admissis mill-premessi tar-rikorrenti, s-socjeta esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti izda se mai l-azzjoni attrici kella tigi diretta fil-konfront tas-socjeta Montekristo Direct Limited in vista ta' Transfer of Undertaking li sehh nhar 1-1 ta' Ottubru 2014.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta esponenti qatt ma qablet li thallas commissions li-rikorrent u lanqas qatt hallset lir-rikorrent xi commissions b'rabta ma l-impjieg tieghu u f'kaz li jirrizulta li r-rikorrent ha xi flejjes oltre l-paga tieghu minghajr il-kunsens tas-socjeta esponenti, is-socjeta esponenti minn issa tirriserva li tiehu l-azzjonijiet kollha spettanti lilha fil-ligi sabiex tirkupra tali flejjes.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta esponenti ma hijiex debitrici tar-rikorrent u jispetta lir-rikorrent igib prova tal-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Monte Kristo Vineyards Limited (C 32424) tat-30 ta' Lulju 2015 (a fol. 27et seq);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tikkoncerna talba ghal hlas ta' *commission* illi r-rikorrent jallega li baqu' ma thallsux lilu, u dan wara illi s-socjeta ntimata kienet obbligat ruhha fil-kuntratt ta' impieg tieghu illi thallsu "[c]o*mmissions on sales...once money is received from the sales*" ad eskluzjoni tal-ewwel sitt elef Ewro illi jaghmel ir-rikorrent, li ma jkunux elegibbli ghal hlas ta' *commission*.[1] Gara illi r-rikorrenti, li kien impjegat mas-socjeta ntimata, kellu l-impieg tieghu trasferit ghal mas-socjeta Montecristo Direct Limited in vista ta' *Transfer of Undertaking* li sehh fl-1 ta' Ottubru 2014, izda, skont hu, s-socjeta ntimata baqghat ma hallsitux il-*commission* li kellha thallsu qabel ma gie trasferit.

Is-socjeta ntimata minn naha taghha eccepiet preliminarjament illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti hija nulla peress illi din il-Qorti hija nkompetenti ratione materiae ghaliex il-kawza hija bbazata fuq ksur tal-kondizzjonijiet tal-impieg u ghalhekk il-kaz jaqa' taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Ir-rikorrent jirribatti ghal din l-eccezzjoni billi jargumenta illi l-azzjoni de quo tikkonsisti f'*money claim* minhabba ksur ta' termini kuntrattwali pattwiti bejn il-partijiet.

L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 452 jiddefinixxi t-terminu "kondizzjonijiet tal-impieg" b'dan il-mod:

> *""kondizzjonijiet tal-impieg" tfisser pagi, il-perjodu tal-impieg, is-siegħat tax-xogħol u l-leave* ***u tinkludi kull kondizzjoni li għandha x'taqsam mal-impieg ta' xi impjegat taħt kuntratt ta' servizz*** *inklużi l-benefiċċji li joħorġu minnu, it-termini tal-impieg, it-termini ta' parteċipazzjoni fix-xogħol il-ftehim dwar il-mod kif jiġi terminat xi impieg u l-metodu ta' kif differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-partijiet fil-ftehim jistgħu jintemmu;*

[1] Klawsola 5.1.3 tal-kuntratt ta' impieg datat 1 ta' Settembru 2008 a fol 19.

> *iżda ma tinkludix etika professjonali li toħroġ mir-relazzjoni professjonali bejn prinċipal u impjegat."*

Minn qari ta' din id-definizzjoni l-Qorti tifhem illi dak li jikkostitwixxi kondizzjonijiet tal-impieg ta' impjegat taht kuntratt t'impieg ghandu jinghata interpretazzjoni aktar restrittiva minn dak li jikkostitwixxi kondizzjonijiet tal-impieg ta' persuna taht kuntratt ta' servizz. Ghalhekk il-Qorti taghraf illi fil-kaz ta' impjegat ta' kuntratt ta' impieg dawk l-affarijiet li jaqaw taht kondizzjonijiet ta' impieg huwa l-paga, il-perjodu tal-impieg, is-sieghat tax-xoghol u l-*leave* biss.

F'dan il-kaz ma jidhirx ikkontestat illi r-relazzjoni guridika tal-kontendenti hija bbazata fuq kuntratt ta' impieg u mhux kuntratt ta' servizzi, tant illi s-socjeta ntimata stess tirreferi ghal kuntratt konkluz bejna u bejn ir-rikorrent bhala 'kuntratt ta' impieg'. Konsegwentement, huma biss il-paga, il-perjodu tal-impieg, is-sieghat tax-xoghol u l-*leave* li ghandhom jigu kkonsidrata bhala kondizzjonijiet tal-impieg fil-kaz odjern.

Imbaghad, paga tigi definita fl-istess Artikolu b'dan il-mod:

> *""paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni'"*

Il-kaz in ezami  jikkoncerna l-hlas ta' *commission* pattwita lir-rikorrenti mis-socjeta ntimata. Din il-*commission* tkun pagabbli fil-kaz illi r-rikorrenti jekk ikun ghamel bejgh ghal valur ta' mill-inqas sitt elef ewro f'dak ix-xhur, u tigi ikkalkolata fuq l-ammont verjuri ghal dawk l-ewwel sitt elef Ewro. Ir-rikorrenti wkoll m'huwiex eligibbli ghal hlas ta' *commission* fil-kaz illi l-bejgh li jaghmel ikun lil klijenti li fihom Polidano Group ghandu interess jew klijenti ohra magguri li huwa klijenti diretti.

Il-Qorti tqis illi huwa car illi l-hlas ta' *commission* huwa direttament relatat mal-esekuzzjoni tax-xoghol tar-rikorrenti. Filfatt, fil-kaz illi r-rikorrent ma jilhaqx certu kwota ta' bejgh, lanqas biss ikun intitolat ghal hlas ta' *commission* fuq il-bejgh li jaghmel.

Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma illi il-hlas ta' *commission* ma jaqax entro l-parametri ta' kondizzjonijiet tal-impieg f'kaz ta' persun li tkun impjegata taht kuntratt ta' impieg, u talba ghal hlas ta' *commission* mhux imhallsa ghalhekk ghandha tigi meqjsua bhala *money claim* bbazata fuq ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, u mhux bhala azzjoni bbazata fuq il-kondizzjonijiet tal-impieg. Ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrenti taqa' taht il-kompetenza ta' din il-Qorti u mhux tat-Tribunal Industrijali.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata u tiddikjara li din il-Qorti hija kompetenti *ratione materiae* sabiex tiddisponi minn dan il-kaz.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**